**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 712/2015 AF**

**Joseph Mary Cachia fil-kwalità tieghu ta' mandatarju specjali tan-Nutar Dottor Antonio Cachia**

**vs**

**Argus Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u fil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2015, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jissejjah fil-kawza Adrian Busuttil**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur Joseph Mary Cachia nomine li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fil-21 ta' Jannar 2009 l-attur akkwista l-vettura tal-ghamla Alfa Romeo 166 Saloon bin-numru tar-registrazzjoni "GTA166" u bin-numru tax-Xazi "ZAR936000000B31265" (Dok. A).

L-imsemmija vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni mas-socjetà kovenuta, u aktar precizament Motor Policy bin-numru 36321PRI124789 ghal valur ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) (Dok. B).

Fis-27 ta' Gunju 2014 l-attur kien ha l-vettura msemmija ghand Adrian Busuttil li huwa l-mechanic tieghu li mill-ewwel ghamel riparazzjonijiet ghat-tieqa ta' wara li ma kienitx qed taghlaq sew kif ukoll ghal daqqa hafifa fuq quddiem in-naha tax-xufier u billi sabiex issir it-tiswija kien jehtieg li xi *spare parts* jaslu mill-Italja sabiex l-arja kundizzjonata tkun tahdem, Adrian Busuttil ipparkja l-vettura fi Triq Guzè Duca, Hal Qormi.

Nhar il-Gimgha 11 ta' Lulju 2014 il-mechanic Adrian Busuttil mar igib il-vettura msemmija peress li kienu waslu l-parts tal-arja kundizzjonata u l-vettura ma kienitx f'postha tant li billi l-attur qed jirrisjedi barra cempel lil missieru Joseph Mary Cachia sabiex imur fuq il-post u flimkien mieghu sussegwentement imorru l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi halli jaghmlu r-rapport dwar in-nuqqas tal-istess vettura.

L-attur tramite missieru Joseph Cachia ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi (Dok. C).

L-attur tramite missieru l-imsemmi Joseph Mary Cachia ghamel *claim* mas-socjetà konvenuta, u dana ai termini tal-istess Motor Policy u cioè li l-vettura imsemmija kienet giet misruqa.

Ghalkemm il-*claim* saret nhar il-11 ta' Lulju 2014, is-socjetà konvenuta ghadha ma onoratx il-*claim* tal-attur, u dana minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.

Ghalkemm is-socjetà konvenuta giet interpellata sabiex jersqu ghall-hlas tal-vettura Alfa Romeo bin-numru tar-registrazzjoni "GTA166" kif assigurata, is-socjetà konvenuta kienet baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjetà konvenuta ghandha tkun tenuta responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-attur u dan

abbazi tal-obbligu tal-istess socjetà konvenuta naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni numru 36321PRI124789

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) u cioè il-valur maqbul bejn il-partijiet u li ghalih kienet assigurata l-vettura ta' l-ghamla Alfa Romeo 166 Saloon bin-numru tar-registrazzjoni "GTA166" u bin-numru tax-Xazi "ZAR936000000B31265", proprjetà tal-attur jew somma verjuri li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-15 ta' Dicembru 2014 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficcjali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjetà konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Argus Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi s-socjetà eccipjenti ghandha ragunijiet fondati illi temmen illi l-*claim de quo* hija wahda frawdolenti u/jew illi kien hemm involviment fis-serq allegat da parti ta' Adrian Busuttil illi l-attur noe fada l-vettura tieghu lilu, kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-fatti illi wasslu ghal dan il-kaz huma s-segwenti:

Fl-1 ta' Awwissu tas-sena 2013, is-socjetà esponenti harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip *Comprehensive* favur il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GTA 166, proprjetà tal-attur noe.

L-attur noe ressaq claim mas-socjetà eccipjenti dwar is-serq tal-imsemmija vettura tieghu, liema serq allegatament sehh nhar il-11 ta' Lulju 2014 meta l-istess vettura kienet allegatament ipparkeggjata fi Triq Guzè Duca, Hal Qormi.

Skond l-informazzjoni mghoddija meta tressaq l-istess claim, il-vettura proprjetà tal-attur noe, kienet fil-pussess ta' Adrian Busuttil illi jiggestixxi l-Busu Garage ghaliex il-vettura kellha bzonn xi riparazzjonijiet.

Il-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz iwasslu ghall-konkluzjoni ragonata illi l-allegat serq tal-vettura u kwindi l-claim relattiv, huwa frawdolenti, u/jew ghandu jigi addebitat lill-imsemmi Adrian Busuttil illi kellu fil-pussess tieghu l-vettura in kwistjoni – u dan kif jista' jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Kwindi jsegwi illi, ghall-ekonomija tal-gudizzju u sabiex verament issir maghrufa l-verità f'dan il-kaz, hemm lok illi jigi kjamat in kawza l-istess Adrian Busuttil – u dan skond kif mitlub fir-Rikorsipprezentat kontestwalment ma' dina r-Risposta Guramentata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2015 ġie msejjaħ fil-kawża Adrian Busuttil.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz tal-kawża preżenti, l-attur nomine qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti minnu u dan abbażi tal-obbligu tal-istess soċjetà konvenuta naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni numru 36321PRI124789 u konsegwentement, sabiex tħallas lill-attur il-valur maqbul tal-vettura Alfa Romeo 166 Saloon bin-numru ta' reġistrazzjoni GTA 166.

Da parti tagħha, il-konvenuta qiegħda tirrifjuta milli tagħmel dak mitlub mill-attur stante li teċċepixxi li l-*claim* li għamel l-

attur hija waħda frawdolenti u/jew kien hemm l-involviment da parti ta' Adrian Busuttil, it-tellar li għandu kienet il-vettura meta allegatament insterqet. Minkejja li debitament notifikat, l-imsejjaħ fil-kawża Adrian Busuttil ma ppreżenta l-ebda risposta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li Dottor Antonio Cachia akkwista l-vettura *de quo*, Alfa Romeo 166 Saloon bin-numru ta' reġistrazzjoni GTA 166 fil-21 ta' Jannar 2009. Din il-vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni mas-soċjetà konvenuta għall-valur ta' €15,000. Peress li n-Nutar Cachia iqatta' ħafna żmien barra minn Malta, il-vettura in kwistjoni kienet tinżamm għand missieru Joseph Mary Cachia, li bħala mandatarju huwa l-attur fil-kawża.

L-attur jispjega li fis-27 ta' Ġunju 2014, Adrian Busuttil, it-tellar li kien ftiehem miegħu ibnu, mar jiġbor il-vettura mingħandu sabiex jagħmel xi xogħlijiet ta' riparazzjonijiet fuqha. Ikompli jispjega li dawn ix-xogħlijiet ma setgħux isiru kollha għaliex riedu jaslu xi *spare parts* minn barra. Għaldaqstant, u sakemm waslu dawn il-*parts*, Busuttil qallu li pparkja l-vettura fi Triq Ġużé Duca, Ħal-Qormi, liema triq tinsab madwar 300 metru 'l bogħod mill-garaxx tiegħu. Busuttil jikkontendi li peress li kienu waslu l-i*spare parts* minn barra, fil-11 ta' Lulju 2014 huwa mar għall-vettura sabiex ikun jista' jkompli jaħdem fuqha iżda ma sabiex fil-post fejn kien ħalliha pparkjata. Dak il-ħin stess huwa ċempel lill-attur u flimkien marru jagħmlu rapport l-għassa ta' Ħal-Qormi. Jirriżulta li l-i*spare key* tal-vettura kienet mitlufa u dan minn qabel ma l-vettura giet konsenjata lil Busuttil.

Fir-rapport illi għamel mal-pulizija dakinhar li allegatament ma sabx il-vettura, Adrian Busuttil stqarr illi għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu mar sabiex itella l-vettura l-garaxx biex isirulha t-tiswijiet u ma sabhiex hemm. Meta mistoqsi, huwa qal li kien ipparkja l-vettura madwar ħmistax il-jum qabel fi Triq Ġuze Duca, Ħal-Qormi.

L-attur jikkontendi li Busuttil informah li l-vettura mar għaliha fil-11 ta' Lulju għaliex kienu waslulu l-*ispare parts* minn barra u

li kien ipparkjaha f'dik it-triq partikolari għaliex kienet waħda traffikuża filwaqt illi ħdejn il-garaxx tiegħu kien diżabitat.

Il-Qorti tinnota li fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid illi Adrian Busuttil kien ħa l-vettura fis-27 ta' Ġunju 2014 filwaqt li fl-affidavit li kien ippreżenta mal-*claim form* relattiva huwa ddikjara li l-vettura kien ħadha għand Busuttil hu.

Adrian Busuttil xehed quddiem din il-Qorti fejn spjega li l-vettura huwa ħalliha barra t-triq għaliex ma kellux post ġewwa l-garaxx u l-*parts* li kien hemm bżonn kienu ser idumu sabiex jaslu minn barra.  Huwa jgħid illi mar sabiex iġib il-vettura meta wasallu l-kompressur tal-*air conditioning* u ma sabhiex hemm.  Jgħid illi ix-xogħol fuq il-kompressur kellu jagħmlu ħaddieħor għaliex ix-xogħlijiet li kellu jagħmel hu kienu lesti, anke l-*power windows* u dan minkejja li fir-rapport li għamel l-għassa flimkien mal-attur stqarr illi dawn kienu għadhom mhux imsewwija.  Jgħid li l-vettura ma pparkjahiex viċin il-garaxx għaliex huwa mdallam filwaqt illi fejn ipparkjaha hemm id-dawl.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fid-dikjarazzjoni tiegħu fuq it-*theft investigation form* mitluba mill-konvenuta, Adrian Busuttil iddikjara li l-vettura kienet ilha għandu mit-2 ta' Ġunju 2014 u li kien biss fis-27 ta' Ġunju li ħariġha mill-garaxx għax ma setax iżommha hemm sakemm jistenna l-*parts* peress illi kellu bżonn l-ispazju.  Fl-istess formola kien iddikjara wkoll li minkejja li jgħaddi minn dik it-triq kuljum, il-vettura ma setax jaraha mit-triq prinċipali peress illi kienet ipparkata f'*service road*.

Peress illi l-vettura baqgħet ma nstabitx, l-attur għamel *claim* mal-konvenuta tramite s-soċjetà Peak Insurance Brokers għall-valur maqbul tal-vettura fl-ammont ta' €15,000.  Madanakollu, wara li l-konvenuta għamlet l-investigazzjonijiet tagħha dwar il-każ, hija waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni ta' Adrian Busuttil la kienet kredibbli u lanqas konsistenti u allura rrifjutat li taċċetta l-*claim* tal-attur li temmen li ġiet fabbrikata frawdolentement.

Dan wara li għamlet l-investigazzjonijiet tagħha billi bagħtet lil Simon Paris, *Senior Claims Manager* u lil Mark Buttigieg, *Senior Claims Controller* sabiex ikellmu lil Adrian Busuttil ġewwa l-garaxx tiegħu.

Mill-investigazzjonijiet li għamlu dawn irriżultalhom li:

i. Il-vettura kienet ipparkjata fl-uniku triq fl-akkwati fejn ma kienx hemm *CCTV cameras*;

ii. Minkejja li Adrian Busuttil qal illi fit-triq fejn kien ipparkja l-vettura huwa ma setax jaraha hu u sejjer lejn il-garaxx tiegħu, dan ma kienx minnu;

iii. Adrian Busuttil ma ppreżenta l-ebda riċevuti jew evidenza oħra dwar il-*parts* li allegatament ordna għall-vettura u saħansitra meta mitlub dwarhom bidel il-verżjoni u qal li r-riparazzjonijiet kienu fil-fatt lesti u kien qiegħed jistenna lis-sid jiġi għall-vettura;

iv. Minkejja li Adrian Busuttil qalilhom li kien ipparkja l-vettura daqshekk 'l bogħod għaliex ma sabx post aktar viċin, meta marru fuq il-post huma sabu li kien hemm ħafna fejn tipparkja l-vettura anke matul il-ġurnata;

v. Kien Adrian Busuttil stess li stqarr magħhom li l-*parts* tal-vettura in kwistjoni huma għoljin;

vi. Mistoqsi dwar il-*condenser* tal-*air conditioning*, Adrian Busuttil ma kienx konsistenti stante li filwaqt li l-ewwel qalilhom li dan ma kienx xogħolu, ftit wara 'ftakar' li kien fil-fatt biddlu wkoll imma li ma kellux riċevuti lanqas;

vii. Il-garaxx ta' Adrian Busuttil kien wieħed spazjuż.

Din il-Qorti tibda biex tosserva li kuntratt ta' assikurazzjoni huwa wieħed ta' *uberrima fides* (*utmost good faith*) li jorbot kemm lill-assikurat kif ukoll lis-soċjetà ta' assikurazzjoni. Dan il-prinċipju ġie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-prinċipju ta' *uberrima fides*, ma japplikax biss għall-assigurat, iżda japplika ukoll għas-soċjetà assiguratriċi.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fil-kawza ta' Alexander Caruana vs Atlas Insurance PCC Limited tas-16 ta' Diċembru 2015 din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet li:

> "*…ikun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa wieħed alejatorju, fejn il-qligħ jew it-telf għaż-żewġ partijiet, jew waħda minnhom, huwa magħmul jiddependi minn ġrajja li mhijiex żgura. Din il-ġrajja li mhix ċerta tikkostitwixxi l-aspett tar-riskju assikurat, li huwa element ewlieni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, għaliex jikkonsisti fil-possibilita' ta' ġrajja li ġġib magħha telf ekonomiku lil min iġarrabha u li dwarha dik il-persuna tkun assikurat ruħha bil-ħlas tal-premium u l-ħruġ tal-polza. Fil-kuntratt taħt eżami, ir-riskju titgħabba bih il-kumpannija assikuratriċi, bħala l-korrispettiv tagħha tal-obbligazzjoni tagħha fil-kuntratt. Din tieħu s-sura ta' obbligazzjoni każwali li tiddependi minn ġrajja ta' bla ħsieb li ma tkunx fis-setgħa la tad-debitur u lanqas tal-kreditur. Illi f'ċirkostanzi normali u taħt ir-regola ġenerali, meta sseħħ dik il-ġrajja jitnissel l-obbligu tal-assikuratur li jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-assikurat. Sakemm ma joħroġx li l-assikurat kellu sehem f'dik il-ġrajja jew iffaċilita li sseħħ, l-assikuratur huwa mistenni li jħallas l-indennizz miftiehem.*"

Fil-kawza fl-ismijiet Middle Sea Insurance plc vs Anthony Borg tat-18 ta' Mejju 2012 din il-Qorti diversament presjeduta irriteniet ukoll illi:

> "*Dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, tajjeb li jiġi osservat fil-liġi dwar il-kuntratti tal-assigurazzjoni hemm provdut għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jħallas pretensjoni tal-assigurat. (…) Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma żvelax xi fatti materjali, jew għamel rappreżentazzjoni ħażina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur ieħor tad-dmir tal-uberrima fides.*"

Di più l-*onus probandi* għal tali frodi, misrappreżentazzjoni jew ksur ieħor tad-dmir ta' *uberrima fides* jispetta lis-soċjetà assigurattriċi.

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-konvenuta ma tistax f'dan il-każ tirrifjuta li taċċetta l-*claim* magħmula mill-assigurat tagħha.

Minkejja li din il-Qorti taqbel li mill-provi prodotti l-verżjoni ta' Adrian Busuttil hija tal-inqas dubjuża, jekk mhux għal kollox inveritiera, mhuwiex tajjeb l-argument tal-konvenuta li hija għandha dritt ma tħallasx minħabba li għandha raġunijiet fondati taħseb illi Adrian Busuttil kellu x'jaqsam mal-għejbien tal-vettura.

Il-polza ta' assikurazzjoni li l-attur kellu mas-soċjetà konvenuta ħolqot relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet fejn, in konsiderazzjoni tal-*premium* imħallas mill-assigurat lill-assiguratriċi, din tal-aħħar intrabtet li tindennizza lill-assigurat fl-eventwalità li dan isofri xi telf bħala riżultat ta' xi riskju kopert bil-polza ta' assigurazzjoni. Is-soċjetà konvenuta assumiet hija dan ir-riskju. Bil-ħlas tal-*premium* mill-assigurat, skattat l-obbligazzjoni tagħha ta' indennizz.

Il-konvenuta ma ġabitx prova ta' xi kundizzjoni fil-polza tal-assigurazzjoni li tgħid illi hija għandha dritt ma taċċettax il-*claim* tal-assigurat tagħha abbażi ta' suspett ta' frodi perpetwat minn terz. Il-konvenuta la qegħda tallega u wisq inqas ġabet prova li l-attur kellu x'jaqsam fl-għejbien tal-vettura. Huwa veru li l-vettura għebet viċin ta' meta kien imiss it-tiġdid tal-polza u tal-liċenzja kif ukoll li din il-Qorti rriskontrat ċertu inkonsistenzi fil-verżjoni tal-attur, imma b'daqshekk ma ġiex muri li l-assigurat kellu x'jaqsam mal-akkadut. Il-Qorti tinnota wkoll illi l-konvenuta ma għamlet l-ebda rapport lill-pulizija dwar is-suspetti tagħha.

Huwa indubitat illi l-frodi tal-assigurat innifsu jagħti lill-assiguratriċi tiegħu dritt illi ma tħallasx, iżda l-aġir frawdolenti ta' terz ma jwassalx sabiex jigi annullat iċ-ċertifikat iffirmat mill-assiguratriċi, iżda *se mai* jista' jwassal għall-azzjoni da parte tal-assiguratriċi kontra l-istess terz, anke jekk dan it-terz

ġie fdat bil-vettura mill-assigurat stess, dment li ma jiġix muri li l-assigurat kellu xi parti fil-frodi.  Huwa magħruf illi meta tħallas lill-assigurat tagħha taħt il-polza, l-assiguratriċi tiġi surrogata fid-drittijiet tiegħu, ad eċċezzjoni ta' dak li hu l-*excess payment*, u għandha kull dritt li tiġbor dak li tkun ħallset mingħand dak li tgħid li attwalment kien responsabbli għad-danni kkawżati lill-assigurat tagħha.

Kwistjoni simili ġiet trattata fil-każ deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited vs Alexander Jan Edward Van Reeven et tat-8 ta' Mejju 2017 fir-rigward ta' stqarrija li għamel sewwieq lill-pulizija li wara rriżulta li ma ma kienitx veritiera:

> "*L-ewwel nett, hija Jeanette van Reeven li hija marbuta bl-obbligu ta' uberrima fides u dan ghaliex hi hija l-policy holder. Ghalhekk, ir-rapport falz maghmul minn binha ma jwassalx awtomatikament ghal konkluzjoni illi hija kisret l-obbligu taghha ta' uberrimae fides versu s-socjeta rikorrenti, galadarba ma jirrizultax illi hija b'xi mod kellha x'taqsam ma dan ir-rapport falz, u a kuntrarju qalet il-verita mill-ewwel, kemm lil pulizija kif ukoll lis-socjeta rikorrenti.*"

Il-każ ta' Edwin Scicluna et vs Fogg Limited pro et noe tal-15 ta' April 2004 kien dwar vettura koperta b'polza ta' assigurazzjoni li nsterqet u sussegwentement inħarqet fejn is-soċjetà assiguratriċi eċċepiet illi ma kinitx tenuta tħallas abbażi ta' kundizzjoni fil-polza li kienet teskludi ħsara kkawżata b' '*malicious damage.*'  Fiha intqal hekk:

> "*Illi huwa aċċettat bħala prinċipju ewlieni ta' dritt, li l-qofol tal-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa dak li jħares lill-assikurat mir-riskji ta' ġrajjiet mhux maħsuba li jseħħu bi ħsara għall-istess assikurat. Għalhekk, minn dan toħroġ ir-regola ġenerali li mhux rilevanti jekk it-telfa titnissel mit-traskuraġni tal-assikurat (sakemm il-polza ma tkunx espressament rabtet lill-assikurat bl-obbligu tal-kura raġonevoli), imma l-assikurazzjoni ma tkoprix ħsara li l-*

*assikurat iġib b'idejh u għax irid hu*[1]. *Kemm hu hekk ingħad li "the general rule excludes only losses caused deliberately by the insured himself. The fact that his wife or employee, for example, intentionally destroys property he has insured does not prevent the insured who is not a party to the act from recovering"*[2]. ***Wara kollox, għamil bir-rieda ta' terza persuna jista' jkun għal kollox aċċidentali għall-vittma ta' dak l-għamil jew għall-assikurat innifsu;*** ' (Enfasi ta' din il-Qorti).

Il-konvenuta hija wkoll marbuta bil-prinċipju tal-*uberrima fides* u ma tistax taħrab mill-obbligi tagħha sempliċiment għaliex Adrian Busuttil, u mhux l-assigurat tagħha, għamel dikjarazzjoni falza jew kien involut fl-għejbien tal-vettura. Ir-rimedju tal-konvenuta huwa li wara li tħallas lill-attur u tiġi surrogata fid-drittijiet tiegħu, tieħu ħsieb tfittex hi lil min temmen li huwa responsabbli, u mhux tirrifjuta li tħallas meta ma ġiex muri li l-assigurat tagħha kellu x'jaqsam.

Proprju kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Gordon Borda vs Elmo Insurance Agency et tal-25 ta' Mejju 2004:

> "*...il-principju ta' uberrima fides jorbot mhux biss lill-assikurat iżda liż-żewg partijiet, u l-qorti tara illi fl-imgieba taghha s-socjetà konvenuta qieghda twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assikuratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza.*"

Hija wkoll rilevanti f'dan il-każ il-massima fil-liġi dwar relazzjonijiet bejn persuni li '*il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.*' (**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**, deċiża

[1] Ara, per eżempju, ***Beresford vs Royal Insurance Co. [1938]*** A.C. 586 u ***Britton vs Royal Insurance Co. [1866]*** 4 F & F

[2] John Birds *Modern Insurance Law* (4th. Edit., 1997), paġni 200-1

mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 u **General Cleaners Company Limited vs Accountant General,** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Novembru 2001).

Dan iwassal għall-prinċipju ieħor stabbilit skont l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li jirritjeni li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in *bona fede* u jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, iżda wkoll għal konsegwenzi kollha li ġġib magħha tali obbligazzjoni.

Finalment, il-Qorti tħoss li għandu jiġi ċċarat li l-azzjoni tal-lum hija bbażata fuq ir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur *qua* l-assigurat u l-konvenuta *qua* l-assiguratriċi tiegħu. Isegwi għalhekk li t-talbiet kif proposti ma jistgħux jiġu diretti lejn Busuttil u allura din il-Qorti ma tistax fi-ġudizzju tal-lum tordna lil Busuttil jagħmel tajjeb għat-telf li sofra l-attur. Dan nonostante dak li rriżulta mill-provi dwar il-probabbilità tal-involviment tiegħu fl-għajbien tal-vettura, kif ukoll li bħala depożitarju, Busuttil kien responsabbli tal-vettura li kellu jieħu ħsiebha daqs li kieku kienet tiegħu (artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili).

Kif inghad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2003, fil-kawża fl-ismijiet Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi: '*il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed*'. Dan għaliex kif inhu ben ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, il-Qorti ma tistax tissostitwixxi talba speċifika b'oħra.

Il-Qorti tal-Appell kellha okkazzjoni wkoll tisħaq fuq dan il-punt meta fis- sentenza tagħha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet L-Avukat Dr. Robert Montalto noe vs Edwin Bartolo et irriteniet illi:

> *"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza Raymond Grima et vs Frank Said et, deciza fil-25 ta' Novembru, 2016:*
>
> *Il-gurisprudenza taghna taghmilha cara li l-ebda Qorti, b'mod specjali f'kawza quddiem Qorti superjuri (a kuntrarju ta' kawza quddiem Qorti inferjuri) ma tista' twessa' t-talba li tkun imressqa mill-atturi. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-*

*sentenza taghha fl-ismijiet Carmelo Cassar v. Victor Zammit insenjat illi:*

*"Hu maghruf, u anke accetat, in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Hi wkoll regola procedurali, sostenuta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex kif ritenut, "mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni."*

*"Hekk ukoll fil-kawza Grech v. Valenti, deciza wkoll minn din il-Qorti fis- 27 ta' Frar, 2015, inghad li l-qrati ghandhom joqghodu ghat-talba kif imfissra fl-att promotur, u l-qorti "ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni."'*

Din il-Qorti qegħda għalhekk tikkonkludi li is-socjetà konvenuta għandha tinzamm responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti minn Dottor Antonio Cachia u dan abbazi tal-obbligu tal-istess soċjetà konvenuta naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni numru 36321PRI124789 f'isem in-Nutar Dottor Antonio Cachia.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-każ billi tilqa' t-talbiet attriċi, fil-konfront tas-socjetà assikuratrici intimata bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta b'dan illi l-imsejjaħ fil-kawża għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG